MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tat-23 ta' Marzu, 2007

Numru 288/2006/0

**Il-Pulizija**

**v.**

**Raymond Camilleri**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Raymond Camilleri talli fit-18 ta’ Dicembru 2004 ghall-habta tal-11.00am gewwa Triq it-Telegrafu, Nadur, Ghawdex:

1) saq vettura bin-numru tar-registrazzjoni DAU-993 ta’ l-ghamla Fiat b’manjiera traskurata;
2) b’manjiera perikoluza;
3) b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti saq fid-direzzjoni ta’ Theresa Debono minn Nadur, Ghawdex;
4) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq l-imsemmija vettura bi speed eccessiv;

L-ewwel qorti kienet mitluba li minbarra l-piena f'kaz ta' htija l-imsemmi Camillero jigi skwalifikat mill-licenzja tas-sewqan;

Rat is-sentenza ta' l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) ta' l-24 ta' Awissu 2006 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Raymond Camilleri hati ta' l-ewwel, it-tieni u r-raba' imputazzjonijiet u kkundannatu multa ta' erbghin (Lm40) lira Maltin u skwalifikat lill-istess Camilleri mill-licenzja tas-sewqan ghal xahar; dik il-qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-tielet imputazzjoni peress li, kif formulata, ma kienitx tammonta ghal reat;

Rat ir-rikors ta' appell ta' Raymond Camilleri, minnu prezentat fis-7 ta' Settembru 2006, li permezz tieghu talab ir-riforma ta' l-imsemmija sentenza fis-sens li huwa jigi liberat mill-ewwel, mit-tieni u mir-raba' imputazzjonijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tat-2 ta' Frar 2007; ikkunsidrat:

L-appellant ghandu bazikament zewg aggravji. L-ewwel wiehed huwa fis-sens li kien hemm konflitt ta' provi li minhabba fih l-ewwel qorti ma kienitx gustifikata li tasal ghall-konkluzzjoni li effettivament waslet ghaliha. It-tieni aggravju jirrigwarda l-piena, fis-sens li huwa l-unika persuna li l-genituri tieghu jiddependu fuqha ghall-htigijiet taghhom, b'mod ghalhekk li l-iskwalifika tal-licenzja kienet ser tikun ta' detriment ukoll ghalihom.

Din il-Qorti, wara li semghet il-provi mill-gdid fl-udjenza tat-2 ta' Frar 2007, hi tal-fehma li m'ghandhiex tiddisturba s-sentenza appellata. Ghalkemm l-appellant jichad kompletament dak kollu li l-konjugi Debono jghidu li ghamel, din il-Qorti tara li ghandha taghti affidabilita` lil dak li qalu huma u tiskarta kompletament ic-cahda ta' l-appellant. Anqas ma jista' jinghad li bid-deposizzjoni ta' missier l-appellant, Joseph Camilleri, gie stabbilit xi alibi – dana x-xhud xehed b'mod generiku fir-rigward ta' fejn ikun normalment ibnu, u, tenut kont tad-distanzi zghar bejn id-

dar tieghu u dik tal-konjugi Debono il-precizjoni fl-alibi hija totalment assenti.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. Il-periodu ta’ sospensjoni tal-licenzja jibda jiddekorri minn nofs il-lejl u minuta ta’ ghada.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------